*Sur Caruana,*

*B'ferħa kbira qrajt illi « Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti » sejra toħroġ kull tliet xhur ktieb* « Il-Malti », *u billi jiena wieħed minn dawk li jħobbu jxandru il-Lsien sabiħ ta' art twelidhom, nixtieq li tibgħatli kopja kull meta joħroġ.*

*Nixtieq ukoll lill-«Għaqda» kull ġid u kull barka sabiex tkompli taħdem għal ġieh ta' Malta u ta' Wliedha.*

*Għoddni dejjem tiegħek*

*Collegio Inter. di S. Antonio*
*Via Merulana 124*
*Roma (24)*
*29-1-25*

P. Pawl Tabone
*ta' Ġieżu*

*(Jissokta)*

# L-ISKRITTURA MQADDSA U KIF INHI MNEBBĦA MN-ALLA

I. X'*jiġifieri* l-*Iskrittura Mqaddsa hija mnebbħa mn-Alla* ?

Meta ngħidu illi l-Iskrittura Mqaddsa hija mnebbħa mn-Alla, li fiha l-kelma t'Alla, ma nifhmux ngħidu biss li hija ktieb jew (aħjar) kotba għeżież bħall-kotba l-oħra miktuba min-nies għorrief u qaddisa, iżda li fihom *tassew* il-kelma t'*Alla n-nifsu.* Mela ma nifhmux ingħidu, bħalma ħasbu xi wħud, kotba miktuba mill-bnedmin, u nbagħad *mgħoddija* mill-knisja, li dina nbagħad daħħlithom fil-*Canone* tal-kotba mqaddsa: l-inqas ma nifhmu ngħidu li dawk il-kotba huma mnebbħa u mqaddsa, biss il-għaliex fihom—*minngħajr żball*—dak kollu li Alla għoġbu jgħarrafna: jew biss il-għaliex l-Ispirtu Santu ħalla l-kittieba

mqaddsa jiktbu u Huwa għenhom biss u żammhom li ma jeħdux xi żball. Le, dan m'hux biż-żejjed. Imma l-kotba mqaddsa ta' l-Iskrittura huma mnebbħa minn Alla u fihom il-kelma t'Alla, il-għaliex huma miktubin min-nies iva, imma mnebbħa minn l-Ispirtu Santu bħala *awtur veru u prinċipali* tagħhom: il-bnedmin huma bħala għodda t'Alla, li kitbu *dak kollu u dak biss* li Alla riedhom jiktbu f'dawk il-kotba, u għalhekk huma biss *awturi sekondarji*: dawn l-*awturi sekondarji*, bħala awturi mżejna bid-dehen, għandhom biss xi *parti sekondarja* fil-kotba mqaddsa, bħallikieku d-differenza ta' l-*istîl, taqsim* u ħwejjeġ hekk: in-nebħ li bih Alla kiteb bil-kittieba mqaddsa jinsab f'*dawl* fil-moħħ biex fiehmu dak kollu u dak biss li Alla riedhom jiktbu, *grazzja* li qanqlet il-qalb biex kitbu dak kollu li Alla riedhom, u *għajnuna* bla heda biex *ma jieħdu l-ebda żball* f'dak kollu li Alla riedhom, skond il-fini tiegħu.

Għalhekk l-ebda żball ma jista' jinsab fil-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa, u l-għerf ta' kull żmien ma jagħmilx ħlief iwettaq dik il-kelma t'Alla. Għalhekk l-Iskrittura Mqaddsa ma' jistâx ikun fiha żbalji, 1 el.) fi ħwejjeġ li jmissu l-fidi u l-kostumi, 2 ni.) fi ħwejjeġ li jmissu l-istorja; 3 et.) L-Iskrittura kollha u l-bċejjeċ (*partes*) kollha tagħha, hija mnebbħa b'mod li f'ebda waħda minn dawna ma jista' jkun hemm ebda żball; 4 a'.) Kull ma, fl-Iskrittura Mqaddsa, igħid, ifisser u jitkellem il-kittieb imqaddes, għandu jkun miżmum bħala megħud u mfisser minn l-Ispirtu Santu.

II. *Mnejn inkunu nafu liema huma l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa.*

Dan nistgħu nafuh biss mix-xhieda t'Alla li waslet lilna bit-*tradizzjoni Apostolika*. Fuq dina *it-tradizzjoni* tpoggi l-Knisja Mqaddsa, Kattolka, meta tiżgurana bil-kelma u bis-setgħa tagħha liema huma l-kotba mnebbħa mn-Alla.

Dana l-Knisja għamlitu fl-Imqaddes Konċilju ta' Trentu (Sess. 4. De Canon. Script) u fil-Konċilju Vatikan (Sess. 3. Constit. De fide cap. 2.)

EGħLUQ

F'dak kollu li jmiss l-Iskrittura Mqaddsa għandna dejjem noqogħdu għall-kelma u fuq il-kelma tal-Knisja Kattolika Apostolika Rumana, li u la tista' tqarraq u l-inqas titqarraq, skond is-sentenza li baqgħet imsemmija tal-għaref S. Wistin: *Jiena ma kontx nemmen fl-Evanġelju, li kieku ma kinitx tiżgurani s-setgħa tal-Knisja.*

**Mons. Karlu Cortis.**